Ħidmitna

Ħarġa Nru. 01/2005

Flimkien mas-Sidien ta' Negozji Żgħar u s-*Self Employed* f'Żoni Industrijali

# Laqgħat pubbliċi ma' sidien ta' negozju

Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni li l-Gvern qed jagħmel biex iwettaq il-ħidma tiegħu, is-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed* Edwin Vassallo qed jiltaqa' b'mod regolari ma' sidien ta' negozji ta' diversi Żoni Industrijali.



Dawn il-laqgħat pubbliċi qed jagħtu iċ-ċans u l-opportunità lil dawk preżenti sabiex jesprimu s-suġġerimenti tagħhom u flimkien jiddiskutu kif jista' jkun hemm żoni industrijali dejjem aktar organizzati, u fejn huma jkunu jistgħu jtejjbu n-negozju tagħhom.

Is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo, uffiċjali mis-Segretarjat, persuni mill-*Small Business and Crafts Directorate*, kif ukoll rappreżentanti mil-Federazzjoni tal-Industrija (FOI), qed ikunu preżenti għal dawn il-laqgħat, u joffru id-disponibilità tagħhom kull meta jiġu mitluba. Wieħed b'sodisfazzjon jinnota, li dawn il-laqgħat qed jirnexxielhom ilaqqgħu għall-ewwel darba, diversi sidien ta' negozju flimkien, li għalkemm jaħdmu f'zona industrijali waħda, rari kien ikollhom opportunità li jiltaqgħu flimkien, anke minħabba l-aspett kompetittiv.

B'riżultat ta' dawn il-laqgħat, iż-żoni industrijali ta' l-Imrieħel, il-Ħandaq, il-Mosta, u Ħaż-Żebbuġ, qed jingħataw dehra ferm aktar organizzata. Iżda, aktar importanti minn hekk , permezz ta' din l-inizjattiva, kull sid ta' negozju li jaħdem minn dawn l-istess żoni qed tingħatalu l-opportunità li jkun jista' jagħti il-kontribut tiegħu fit-titjib li jkun qed jiġi propost.

# Il-Gvern jinvesti b'nofs miljun lira f'xogħol Infrastrutturali fiż-Żona Industrijali tal-Mosta

L-akbar investiment li qed isir f'din iż-żona kien ix-xogħol infrastrutturali, fuq ħdax il-triq, li b'investiment ta' madwar Lm350,000 qed ikunu mibnija mill-ġdid. Dan jikkonsisti fi 13,600 metru kwadru f'kisi ta' tarmak, tliet kilometri ta' bankini ġodda, żewġ kilometri ta' *service culverts*, madwar nofs kilometru f'katusi ta' l-ilma tax-xita u 580 metru ta' katusi tad-drenaġġ. Saru wkoll xogħolijiet fuq żewġ toroq oħra, Triq in-Naġġar u Triq Arthur Borton, fejn intefqu Lm50,000 f'kisi ta' tarmak, u installazzjoni mill-ġdid tas-servizzi tad-dawl, ilma u drenaġġ.

Waqt iż-żjarat li spiss isiru f'din iż-żona, tressqu diversi lmenti dwar nuqqas ta' dawl fit-toroq. Dan wassal biex s'issa diġa' sar investiment ta' Lm15,000 fl-installazzjoni ta' sistema ta' *street lighting* ġdida u bħalissa qed jiġi mħejji rapport sabiex titkompla t-tieni fażi ta' dan ix-xogħol. Saret ħidma wkoll fuq l-organizazzjoni ta' din iż-żona, fejn, flimkien mal-Kunsill Lokali, sar xogħol biex ingħataw l-ismijiet lit-toroq kollha ta' din iż-żona Industrijali, u fil-fatt fil-ġimgħat li għaddew spiċċa x-xogħol tat-twaħħil tat-tabelli taċ-ċeramika bl-ismijiet tat-toroq kollha.









Qed isiru wkoll numru ta' tabelli oħra li ser jitpoġġew fl-entraturi taż-żona Industrijali.







Editorjal

## L-Ewwel ħarġa ta' Hidmitna

Ħassejna il-ħtieġa li nikkonsolidaw il-kuntatt tagħna magħkom, billi inżommukom aktar infurmati b'dak kollu li qed isir u li ilu ppjanat li jsir favur n-Negożji ż-Żgħar u s-*Self Employed* li jaħdmu ġewwa ż-Żoni. Permezz ta' dan il-fuljett din il-komunikazzjoni għandha titjieb.

Permezz tal-parteċipazzjoni tagħkom bħala sidien ta' negozji żgħar, u bil-koperazzjoni ta' kulħadd, illum nistgħu ngħidu li wettaqna ħafna. Madankollu xorta waħda ma nistgħux ngħidu li x-xogħol tagħna bħala Segretarjat Parlamentari responsabbli min-negozji żgħar u s-*self employed* huwa lest. Fadlilna ħafna xogħol x'nagħmlu.

Issa meta x-xogħol infrastrutturali huwa kważi lest, imiss li ngħaddu għal pass li jmiss. Flimkien, b'konsultazzjoni kontinwa, irridu nagħrfu x'inhuma il-vera ħtiġijiet sabiex inkomplu ntejbu n-negozju tagħna. Qed ikunu identifikati tliet sfidi ewlenin li qed jiffaċċja n-negozju. L-ambjent, il-ħaddiema u l-finanzi. Għalhekk, fil-laqgħat mas-sidien tan-negozju, dawn it-tliet oqsma ser ikunu prijorità li rridu nitkellmu dwarhom bil-ħsieb li ma jibqgħux jidhru bħala sfidi, iżda meta immaniġġjati kif suppost, għandhom joħolqu opportunitajiet li jgħinu lin-negozju jkun aktar sostenibbli għax organiżżat aħjar.

# Investiment ieħor ta' Lm820,000 f'xogħlijiet infrastrutturali fl-Imrieħel

Il-Gvern permezz tas-Segretarja Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-*self employed*, dejjem ta attenzjoni speċjali liż-żoni industrijali, li ma kienux jaqaw taħt ir-responsabilità tal-MDC, jew, kif nafuha illum, tal-*Malta Enterprise*.

Dawn kienu żoni, li kienu *no man's land* u ħadd ma kien jinteressah li jara li f'dawn il-lokalitajiet isiru x- xogħlijiet infrastrutturali neċessarji, kif ukoll ma kien hemm ħadd responsabbli mill-manutenzjoni li kien ikun hemm bżonn li ssir minn żmien għal żmien.

Kellna nibdew mill-bidu nett, u minn l-aktar affarijiet bażiċi. Fl-Imrieħel kellna sitwazzjoni fejn sidien ta' negozji kien ilhom joperaw għal aktar minn għoxrin sena f'ambjent tal-biki. Toroq ma kienux jeżistu. Negozji mingħajr is-servizzi essenzjali tad-drenaġġ u ta' l-ilma. Iż-żona kollha kienet mudlama , u kieku ma kienux is-sidien infushom li bi spejjes tagħhom stess kienu jixgħelu quddiem il-bibien tan-negozji tagħhom, kieku kont issib ruħek fi dlam taqtgħu b'sikkina.

Illum hija storja oħra. Bl-inizjattiva tas-Segretarjat, iż-żona ta' l-Imrieħel saret belt kummerċjali organizzata, fejn 'il fuq minn 350 sid ta' negozju jista' jaħdem b'aktar effiċjenza, u f'ambjent ħafna aħjar milli kienu imdorrijin fih. Tul dawn l-aħħar seba' snin, sar xogħol kbir. Xogħol li kien meħtieġ li jsir, u li b'sodisfazjon aħna lkoll ħadna gost nagħmluh, għall-ġid ta' kull minn jaqla' il-ħobża ta' kuljum minn żoni industrijali bħal din ta' l-Imrieħel.

Ftit tal-ġimgħat ilu l-Gvern, għadu kif kompla jinvesti xejn inqas minn Lm820,000, f'aktar xogħlijiet infrastrutturali, ma' dak li diġa' konna għamilna. B'din l-ispiża ta' kważi miljun lira Maltin, setgħu isiru 8 toroq oħra ġodda li ġew mibnija mill-ġdid, biex b'hekk issa fl-Imrieħel insibu total ta' 26 triq kollha asfaltati. B'kollox ingħataw 1.73 kilometri ta' *hot tarmac*, ġew mibnija 3.6 kilometri ta' bankini ġodda, 1.91 kilometru ta' sistema għall-ilqugħ ta' l-ilma tax-xita u 2.33 kilometri ta' *service culverts.*







Aktar importanti minn hekk, b'tul ta' 0.97 kilometru ta' tqegħid ta' mejnijiet ġodda ta' l-ilma u drenaġġ, setgħu jiġu ikkomunikati s-servizzi ġodda ta' l-ilma u d-drenaġġ lil 231 sid ta' negozju. Dawn ix-xogħlijiet infrastrutturali kollha saru f'inqas minn ħdax il-xahar, u fil-fatt bil- koperazzjoni ta' kulħadd irnexxielna wkoll li nispiċċaw ix-xogħlijiet xahar qabel ma għalaq il-perjodu ta' żmien stipulat fit-*tender.* Il-ħidma tas-Segretarjat qed tħalli il-frott. Iżda dan qed ikun possibbli bis-saħħa tal-laqgħat pubbliċi u konsultattivi li l-istess Segretarjat qed ta' spiss jorganizza mas-sidien tan-negozi ta' din iż-żona industrijali. Flimkien ma hemm xejn li ma nistgħux nagħmlu. Is-Segretarjat ser ikompli jżomm kuntatt kontinwu ma' kull min qiegħed fin-negozju. Meta nħarsu lura nimtlew bil-kuraġġ, għaliex bil-ħidma kollettiva li s-Segretarjat qed jirnexxielu jagħmel flimkien mal-istess sidien tan-negozju qed jirnexxielna nwettqu ħafna xogħlijiet siewja.

## 51 bozza ġdida f'sitt toroq fl-Imrieħel

Il-laqgħat u ż-żjarat li is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo qiegħed ta spiss jagħmel ma' l-istess sidien tan-negozji f'dawn iż-żoni industrijali, qed ikomplu iħallu Il-frott. Wara li f'isem il-gvern fl-Imrieħel is-Segretarjat għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed*, ħa l-inizjattiva li jwettaq proġett infrastrutturali li sewa mal-miljun u nofs liri maltin, issa qed ikomplu jiġu identifikati problemi oħra li jeħtieġu l-attenzjoni, sabiex titkompla titjieb l-organizazzjoni f'dawn iż-żoni industrijali.

B'nefqa ta' xejn inqas minn Lm12,000 issa sitt toroq miż-żona industrijali fl-Imrieħel qed ikunu mixgħela ferm aħjar bl-installazzjoni ta' 51 bozza ġdida. Kien ilu jinħass mhux ftit in-nuqqas ta' dawl adekwat f'dawn it-toroq. Konsegwenza ta' dan, barra in-nuqqas ta' sigurta, ta' spiss diversi vandali u nies irresponsabbli kienu qed isibu kenn sabiex jarmu skart u ħmieġ b'mod abbużiv. Illum dawn it-toroq ġew imdawwla aħjar, u barra li s-sidien tan-negozji f'din iż-żona industrijali għandhom ikollhom rashom aktar mistrieħa, qed ikun iffaċilitat ukoll l-aċċess għal konsumaturi u klijenti ta' l-istess sidien. B'din l-azzjoni il-kunsill lokali ta' Ħal Qormi qed jiġi direttament mgħejjun finanzjarjament bis-somma ta Lm12, 000. Dan għaliex l-ispiża kapitali inizjali sabiex ġew installati dawn il-51 bozza ġdida refgħha kollha kemm hi is-Segretarjat, u b'hekk din l-ispiża ġiet iffrankata lill-istess Kunsill Lokali. Min-naħa l-oħra il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ser jibqa' jkun responsabbli mill-manutenzjoni ta' dawn il-bozoz. Proġetti oħrajn simili ser ikomplu jsiru, u fil-ġimgħat li ġejjin numru konsiderevoli ta' bozzoz ġodda oħra ser ikunu qed jitwaħħlu ukoll fiż-żoni industrijali tal-Ħandaq u tal-Mosta kif ukoll tkun tista' titlesta it-tieni fażi fl-Imrieħel, jiġifieri ż-żona magħrufa bħala ż-żona ta' ħdejn l-MFSA.

## "Ismijiet ġodda lil diversi toroq fiż-Żona Industrijali fl-Imrieħel"

Kienu is-sidien stess li ġibdu l-attenzjoni tas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo, li huma kienu qed isibu diffikultà kull meta jikkomunikaw ma' klijenti tagħhom, sabiex jispjegaw eżattament fejn jinsab in-negozju tagħhom. Dan peress li numru ta' triqat, f'żona partikolari fl-Imrieħel, kollha kien jisimhom jew aħjar kienu magħrufin, bħala Sqaq l-Għadam. Dan il-fatt kien qed joħloq konfużjoni bla bżonn, u għalhekk l-ilment ingħata prijorità.

Is-Segretarjat responsabbli min-negozji żgħar u s-*self employed*, beda l-eżerċizzju amministrattiv flimkien ma' l-*street naming committee*, żamm il-konsultazzjoni meħtieġa mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, u llum wasalna sabiex dawn it-toroq tibda tingħatalhom identifikazzjoni.

Hidmitna

*fuljett maħruġ mis-Segretarjat Parlamentari għan-Negozji ż-Żgħar u s-Self Employed.*

**Editur:**
*Anton Vella*

**Indirizz:**
*Casa Leoni,*
*St. Joseph High Road,*
*St. Venera CMR 02.*

**Telephone:** *23886163*
**Fax:** *21494613*
**Email:** *anton.vella@gov.mt*











# Kampanja dwar saħħet il-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol

**"DARBA TIĠIK ĦAŻINA!"**




Is-Segretarjat Parlamentari responsabbli min-negozji żgħar u s-*self-employed* flimkien ma' l-Awtorità ghas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA), din is-sena organizzaw skeda ta' attivitajiet mifruxa fuq 30 ġurnata li saru fiż-żoni industrijali ta' Ħaż-Żebbuġ, il-Ħandaq, l-Imrieħel u l-Mosta. Waqt din l-iskeda ġiet mogħtija informazzjoni dwar miżuri li jistgħu jittieħdu fuq il-post tax-xogħol biex ikunu evitati diżgrazzji u nċidenti għaliex kif igħidu: "Darba tiġik ħażina!"

Meta tingħata attenzjoni biex fuq il-post tax-xogħol jitnaqqas il-periklu għal min ikun qiegħed jaħdem, awtomatikament tkun qed tingħata attenzjoni biex ix-xogħol ikun qiegħed isir f'post aktar organizzat, fejn l-effiċjenza u l-kwalità jkunu imbagħad ir-riżultat ta' l-attenzjoni li ser tingħata. Il-messaġġ li twassal lil min jaħdem f'dawn iż-żoni industrijali kien li ma nistgħux nibqgħu naħsbu li kollox jgħaddi u biex niffrankaw spiża nkunu kapaċi nipperikolaw ħajjitna jew ħajjet dawk li jaħdmu magħna. Spiża ta' korriment jew inċident fuq il-post tax-xogħol tiswa' ferm aktar minn spiża li permezz tagħha jithallsu l-miżuri ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ħdejn il-ħajja ma hemm l-ebda spiża li ma għandhiex titħallas.

L-attivitajiet kienu jikkonsistu f'ġimgħa ta' attivitajiet f'kull żona industrijali msemmija, fejn is-Segretarju Parlamentari, flimkien ma' uffiċċjal ta' l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamlu żjarat f'kull negozju. Fl-istess lokalitajiet ġiet organizzata wkoll *exhibition* fl-iskejjel primarji u saru taħdidiet mat-tfal ta' l-iskejjel primarji biex it-tfal ikunu konxji tal-perikli. B'hekk lil dawn it-tfal għaddejnielhom informazzjoni utli, u ħeġġiġnihom sabiex ikellmu lill-ġenituri tagħhom biex imbagħad il-ġenituri li joħorġu jaħdmu jieħdu ħsieb li ma jweġġgħux waqt li jkunu qed jaħdmu. Ġie ddisinjat wkoll *poster* apposta li tqassam fiż-żoni industrijali tal-Ħandaq, l-Imrieħel, Ħaż-Żebbuġ u l-Mosta. Dan il-*poster* huwa maħsub biex ikompli jsaħħaħ il-messaġġ li qegħdin nippruvaw inwasslu, biex fl-aħħar mill-aħħar ħadd ma jweġġa', u fuq il-post tax-xogħol ikunu imħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

## Jibda eżerċizzju ta' *Door numbering* għall-bibien tan-negozji kollha fiż-żoni industrijali

Eżerċizzju ieħor li bħalissa is-Segretarjat jinsab impenjat fih hu li flimkien ma' diversi dipartimenti governattivi jara kif tista' tiġi introdotta is-sistema ta' *door numbering* għall-bibien tan-negozji kollha ta' dawn iż-żoni industrijali. Dan kien punt ieħor li tqajjem mill-istess sidien tan-negozji taż-żona industrijali tal-Ħandaq, waqt laqgħa oħra pubblika li kienet inżammet ftit tal-ġimgħat ilu. B'hekk għall-ewwel darba ser inkunu qed insibu il-mezz ta' kif kull bieb ta' negozju li nsibu fiż-żoni industrijali ta' l-Imrieħel, il-Ħandaq, il-Mosta u Ħaż-Żebbuġ jiġi nnumerat, u b'hekk niffaċilitaw l-aċċess għal dawn l-istess negozji.

# Jitneħħew "Trailers" minn Triq il-Ħandaq

F'dawn l-aħħar ġimgħat is-Segretarjat kien impenjat f'ħidma li wasslet għat-tneħħija ta' 'il fuq minn għoxrin *trailer* li kienu qed jiġu pparkjati fi Triq il-Ħandaq, fiż-Żona Industrijali tal-Ħandaq f'Ħal Qormi.

Kien ilment kważi unanimu, tas-sidien tan-negozji li joperaw miż-Żona Industrijali tal-Ħandaq, dwar dawn l-imsemmija *trailers*. Diversi burdnara, operaturi tal-ġarr ta' merkanzija u kuntratturi, għal xi raġuni, kienu ta' spiss iħallu *trailers* ipparkjati maż-żewġt iġnub tat-triq, bil-konsegwenza li dawn l-istess *trailers* kienu qed joħolqu periklu kemm għal vetturi oħra li jkunu qed jagħmlu użu minn din it-triq traffikuża, kif ukoll għal studenti ta' l-iskola li jkunu għaddejjin bil-mixi. Is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo impenja ruħu billi għamel kuntatt ma' diversi sidien ta' dawn l-istess *trailers*, kif ukoll intbgħatet ittra lill-uffiċjali tal-GRTU. Fl-istess ħin, saret ħidma oħra sabiex jinstab post alternattiv fejn is-sidien ta' dawn it-*trailers* setgħu imorru jipparkjaw il-vetturi tagħhom. B'sodisfazzjon ninnotaw,li sibna il-koperazzjoni mistennija, u fil-fatt illum dawn it-*trailers* ġew imneħħija mill-istess sidien mingħajr ma kellna bżonn nirrikorru għall-għajnuna tal-pulizija. Fil-jiem li għaddew twaħħlu wkoll tabelli apposta li jinfurmaw li ma jistax isir parkeġġ ta' *trailers* f'din it-triq, u li jekk xi ħadd jinjora dan l-avviż ikun suġġett għal multa imposta mill-liġi.







Fost dawn l-ismijiet ġodda insibu: Triq l-Inġinerija, Triq il-Mekkanika, Triq l-Intornjaturi, Triq l-Artiġjanat, Triq il-Karkara tal-Ġir, Triq l-Esportaturi, Triq l-Iskola Teknika, u Triq il-Furnara.



# Electrical substation ġdida bi spiża ta' Lm35,000

Waqt il-laqgħat ta' konsultazzjoni, is-sidien tan-negozji taż-żona industrijali tal-Mosta magħrufa aħjar bħala ta' Tarġa Gap, kienu qed jiġu mistiedna li jressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom ta' kif l-ambjent taż-żona tagħhom setgħat titjieb. Is-sidien tan-negozji f'din iż-żona spiss kienu jilmentaw minn vultaġġ baxx u problemi oħra fis-servizz ta' l-elettriku. Kien għalhekk li bdiet ħidma sabiex tinbena *electrical substation* ġdida biex jitjieb is-servizz ta' l-elettriku eżistenti u fl-istess ħin biex ikun hemm servizz ta' l-elettriku adekwat anke għal negozji oħra li jistgħu jifftħu 'l quddiem f'din l-istess żona. Fil-fatt, din is-*substation* illum hija lesta u ġiet tiswa lill-Gvern Lm35,000.



# Lm20,000 minfuqa f'Pompa tad-drenaġġ ġdida

Investiment ieħor li twettaq f'din iż-żona tal-Mosta kien fil-kostruzzjoni ta' pompa tad-drenaġġ ġdida li ser tkun tista' tnaqqas kull inkonvenjent li bħalissa għandhom diversi sidien tan-negozju ta' din iż-żona. Anke hawn, dan seta' jsir wara proċess ta' laqgħat konsultattivi ma' dawn is-sidien, fejn ħareġ fil-beraħ li kienet teżisti l-problema ta' nuqqas ta' servizz adegwat fis-sistema tad-drenaġġ f'diversi toroq ta' din iż-żona. L-ispiża totali li ntefqet s'issa fuq dan ix-xogħol kollu konness ma' din il-pompa tad-drenaġġ tammonta għal Lm20,000."







# Ħidma tal-Gvern favur mentalità aktar imprenditorjali - Korsijiet fl-Imprenditorija

L-edukazzjoni fl-imprenditorija dejjem kienet parti mill-objettivi ppubblikati fil-Pjan ta' ħidma maħruġ mis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed*, Edwin Vassallo. Din is-sena saret ħidma siewja anke b'kordinazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, biex dawn l-objettivi jibdew jintlaħqu aħjar. Inċentiv ieħor li ġie offrut miż-żewġ Ministeri ikkonsista f'korsijiet mingħajr ħlas fl-imprenditorija, maħsuba primarjament għal dawk li diġà jaħdmu bħala *self-employed* jew li huma sidien ta' negozji żgħar, iżda li kienu miftuħa wkoll għal dawk kollha li kienu interessati fis-suġġett.

Dawn il-korsijiet saru fuq firxa ta' ħames ġimgħat, darbtejn fil-ġimgħa, fil-Kunsilli Lokali ta' tliet lokalitajiet differenti, f'Tas-Sliema, f'Raħal Ġdid u fil-Mosta.

Il-korsijiet kienu qed isiru bejn is-2.00pm u 4.00pm biex b'hekk dawk kollha li jaħdmu fin-negozju setgħu jattendu. Il-korsijiet ġew organizzati hekk biex jakkommodaw l-akbar numru ta' nies possibbli. Is-suġġetti li ġew mgħallma kienu jinkludu:

*1. L-imprenditur: introduzzjoni u r-rwol ta' l-intrapriża fil-komunità. Żvilupp, etika u kummerċ ġust.*
*2. L-iżvilupp ta' intrapriża kummerċjali.*
*3. L-elementi li jagħmlu negozju.*
*4. Riżorsi umani fin-negozju.*
*5. Rizorsi finanzjarji fin-negozju. Kordinazzjoni mal-banek.*
*6. Teknoloġija ta' l-informatika, ħidma biex jikber in-negozju.*
*7. Żvilupp ta' ħiliet u taghrif.*
*8. Promozzjoni tan-negozju.*
*9. Kif tieħu ħsieb il-klientela tiegħek.*
*10. Kreattività, invenzjoni u nnovazzjoni fin-negozju.*

Dan kien l-ewwel eżerċizzju li sar, u wara s-suċċess ta' dawn il-korsijiet, u l-interess muri mill-istudenti li attendew għalihom, hemm il-ħsieb li korsijiet simili jibdew f'nofs Jannar. Aktar informazzjoni ser tinħareġ 'il quddiem. Dawn il-korsijiet huma inċentiv ieħor li l-Gvern qiegħed jagħmel għall-iżvilupp ta' l-imprenditorija. Il-kompetizzjoni trid tiġi affrontata bil-ħsieb, u ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn min jaħseb li n-negozju huwa sengħa li ma għandha bżonn l-ebda abbilità.

Għaldaqstant inħeġġu lis-Sidien tan-Negozji ż-Żgħar u s-*Self Employed* biex jattendu dawn il-korsijiet jew jibgħatu s-*salespersons* tagħhom biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar f'hiex tikkonsisti l-attività kummerċjali."

## Industrialparksmalta.com - *Website* ġdida li tippromovi ż-żoni industrijali tal-Ħandaq, Mosta, Ħaż-Żebbuġ, u Mrieħel

Din hija inizjattiva mill-privat, u jidher li qed tiżviluppa *website* interessanti ħafna.

Kienet kumpanija lokali li ħarġet bl-idea li għandu jkun hemm *website* uffiċjali, li fiha wieħed ikun jista' jsib informazzjoni utli dwar sidien ta' negozju li jaħdmu minn dawn iż-żoni industrijali partikolari. F'din il-*website* li diġa' qiegħda *on-line*, hemm il-ħsieb li jkun hemm reġistrati s-sidien tan-negozji kollha ta' dawn iż-żoni industrijali, bl-opportunità li eventwalment wieħed ikun jista' jkollu ukoll il-*web page* esklussiva tiegħu fejn jippromovi is-servizzi u l-prodotti tiegħu.

F'din il-*website*, hemm ukoll pjanti u ritratti mill-ajru taż-żoni industrijali. Hemm ukoll il-possibiltà li wieħed ikun jista' jidħol f'siti oħra, li huma ta' interess partikolari għall-istess sidien tan-negozji.

Is-Segretarjat Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed* laqa' b'entużjażmu l-idea ta' din il-*website*, u qed jagħti il-kontribut tiegħu sabiex din tkun suċċess.

F'kelma waħda l-website **www.industrialparksmalta.com**, hija mezz ieħor ta' kif inkomplu ngħinu in-negozji żgħar ikomplu jikbru permezz ta' l-informatika.




## NUMRI TAT-TELEFONS IMPORTANTI LI TAJJEB LI TKUN TAF.....

**Segretarjat Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed***
Ministeru Għall-Kompetittività u Komunikazzjoni
Casa Leoni , St. Joseph High Street– St. Venera
**23886161**
**21485100**

**Direttorat għall-Intrapriżi ż-Żgħar u l-Artiġjanat**
Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris – Valletta **21226688**

**MEPA**
St. Francis Ravelin - Floriana **22900000**

**Rapporti dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent**
**Protezzjoni tan-natura 79496320**
**Kontroll kontra t-tniġġis 99219991**
**Protezzjoni kontra bini llegali 99269926**

**Dipartiment tal-Protezjoni Ċivili 21462610/3**

**Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol**
120, Triq Sant' Ursola, Valletta **21247677/8**

**Enemalta 21223601**
**21224600**

**Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma 80072222**
**21249851**

**Emergenza 112**
**Ambulanza 196**
**Fire brigade 199**

**L-Onor. Edwin Vassallo flimkien mas-Segretarjat jixtiequ jawguraw Milied Ħieni u Sena Ġdid mimlija risq u ħena lill-intrapriżi kollha.**





Ħidmitna